# Il-Moviment tan-Nazzareni

## u l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan

*Silvio Cassar*

Il-Moviment tan-Nazzareni jaf il-bidu tiegħu fl-Awstrija fl-1809 lil Franz Pforr (1788-1812) u Friedrich Overbeck (1789-1869). L-għan tal-artisti li rawmu u xerrdu dan il-moviment kien li jerġgħu jagħtu ħajja ġdida lill-arti wara li l-Barokk kien imwarrab u bdiet dieħla l-arti tan-Neoklassiku.

Minn Vjenna dan il-Moviment infirex sew lejn Ruma. Min kien jidħol f'dan il-moviment kien jgħix ħajja komunitarja fil-Monasteru ta' San Sidor fl-inħawi tal-Pincio f'Ruma. Kienu jilbsu lbies wiesa', ikabbru l-leħja, iħallu xagħarhom twil, jgħixu ħajja stretta, u saħansitra ma jiżżewġux. Riedu li l-pittura tagħhom tkun mimlija b'temi reliġjużi u morali biss, mingħajr xinxilli żejda, stil li jreġġa' lura spirtu profondament nisrani u joħloq fuq kollox effett sagru sabiex dak li jkun qed josserva l-arti jitnissel aktar fih is-sentiment reliġjuż u jersaq aktar lejn Alla.

Fi ftit kliem, dan il-Moviment tan-Nazzareni jew, kif kienu laqqmuhom, il-*Moviment tal-Puristi*, kien irribella kontra l-arti Barokka. Għalliem u pittur influwenti f'dan il-moviment f'Ruma fil-bidu tas-seklu 19 kien Tommaso Minardi (1787-1871). La darba Ruma kienet il-qofol tal-arti sagra, l-artisti promittenti Maltin kienu jmorru hemm sabiex ikomplu jitrawmu fid-disinn u fit-teknika tal-pittura. Kienet ħaġa ovvja wkoll li dawn kienu ġabu lejn pajjiżna dan l-istil tal-Moviment tan-Nazzareni.

Nistgħu nsemmu xi wħud minn dawn l-artisti Maltin Puristi jew Nazzareni li ressqu lejn pajjiżna din l-idjoma artistika, fosthom Pietro Paolo Caruana u ibnu Raffaele, Paolo Cuschieri, Antonio Falson, Giuseppe Bonnici, Ignazio Carlo Cortis, Giuseppe Hyzler u ħuh Vincenzo, u Giuseppe Calleja. Bosta minn dawn l-artisti Maltin kienu mgħallma u ħadu l-formazzjoni tagħhom fl-Akkademja ta' San Luqa f'Ruma.

U hawn niġi għall-punt meta fil-Knisja Parrokkjali tagħna daħal dan il-Moviment tan-Nazzareni permezz tal-kwadru titulari tat-Tħabbira tal-Arkanġlu Gabriel lil Marija, xogħol Giuseppe Calleja li kien alliev ta' Giuseppe Hyzler. Studjużi jqisu li dan Giuseppe Hyzler (1793-1858) kien dak li l-aktar li mexxa din l-ideoloġija tal-Moviment tan-Nazzareni f'pajjiżna. Anke wara mewtu xorta waħda baqa' jsir ħafna xogħol b'tendenzi klassiċi fil-knejjes Maltin. Ta' min jinnota li Giuseppe Calleja ma kienx mar jistudja barra minħabba li ma kienx tat-tajjeb, però fl-età ta' 16-il sena kien intefa' ma' Giuseppe Hyzler u b'hekk, kif is-saħħa ta' Hyzler bdiet tmajna, Calleja bħala apprendist tiegħu ħa ħafna xogħol fil-bottega ta' Hyzler.



Il-kwadru titulari tal-Lunzjata attribwit lil Giuseppe Hyzler, esegwit minn Giuseppe Calleja, ftit wara nofs is-seklu 19. F'dik l-epoka, il-Moviment tan-Nazzareni kien fl-aqwa tiegħu. Tajjeb li tiflu l-istil tal-ħwejjeġ, mingħajr elaborazzjoni, sabiex juri u jqanqal aktar id-devozzjoni u nersqu aktar lejn Alla permezz tal-arti sagra.

Hu f'dan il-perjodu li tulu sar il-kwadru titulari tat-Tħabbira fil-Knisja Parrokkjali tagħna minn Giuseppe Calleja, ikkummissjonat lil Giuseppe Hyzler. Meqjusa bħala waħda mill-aqwa xogħolijiet ta' Calleja, il-pittura rnexxielha kemm tiġbor fiha l-istorja kollha tat-Tħabbira u kemm tolqot l-għan ta' dan il-moviment li kien daħal sew fil-knejjes tagħna lejn nofs is-seklu 19.

Xogħol ieħor attribwit lill-Moviment tan-Nazzareni fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan hija l-istatwa titulari tal-Lunzjata. Jingħad li l-istatwarju Salvatore Dimech kien ixaqleb sew lejn dan il-moviment. Kien ħabib kbir ta' Giuseppe Hyzler u

ħadmu bosta xogħolijiet flimkien. Allura ma setax jonqos li l-istatwa tal-Lunzjata tinterpreta l-ħsibijiet ta' dan il-moviment, aktar u aktar meta tqis il-fatt li l-kwadru titulari kien fuq l-istess stil tan-Nazzareni. Studjużi jqisu li l-iskultur Dimech irnexxielu joħloq statwa ta' devozzjoni kbira, li tevoka ġmiel u perfezzjoni morali.

Insemmu wkoll li l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan għaddiet ukoll minn tindif tal-iskultura madwar il-knisja kollha. L-uniku post fejn ma sarx tindif kien fl-arzella tal-apside tal-kor. L-iskultura rikka tal-arzella turi dak li baqa' mill-iskultura barokka li kienet iżżejjen il-Knisja sal-aħħar tas-seklu 19.

Tajjeb li nsemmu wkoll li fil-kor kien hemm iż-żewġ statwi li llum jinsabu fuq iz-zuntier tal-Knisja, waħda ta' San Pawl u l-oħra ta' San Pietru. Dawn kienu jagħmlu parti mill-Kor fuq stil barokk li jingħad li fil-Knisja tagħna kien ta' ġmiel uniku. L-artali tal-kappelluni, jiġifieri tar-Rużarju, tal-Kurċifiss, ta' San Mikiel u ta' San Pawl l-Eremita, għaddew ukoll minn tindif tal-arti barokka għal ħitan lixxi ħalli jinħoloq aktar serħan l-għajnejn għal aktar ġabra u devozzjoni skont l-istil tal-Moviment tan-Nazzareni.



*L-arzella tal-Kor li ġiet salvata fil-Knisja Parrokkjali tagħna. Dan kien l-għamla ta skultura bl-anġli li kien hemm fil-Kor madwar il-kwadru titulari u fil-Kappelluni wkoll.*

Il-Moviment tan-Nazzareni f'Malta kellu jċedi postu għal stil ġdid differenti bis-saħħa tal-influwenza qawwija tal-epoka ta' Giuseppe Calì li ma' artisti oħra Taljani ġab lejn pajjiżna ħabta tal-bidu tas-seklu 20.

Referenzi:

*Carmel Bezzina: Ħal Balzan u l-Lunzjata u kitbiet oħra*

*Jos. A. Farrugia: Tarxien (Festa 2009) – Il-Moviment tan-Nazzareni*